# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IS-SEBA'  LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 480**

**It-Tnejn 7 t' Awwissu, 2017**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.05 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Marc Vella Bonniċi – Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Mark Grech – Kunsillier
Joseph Agius – Kunsillier
John J Pace – Kunsillier
Joseph Bonnici – Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier
Brian Spiteri – Kunsillier
Julian Paul Scicluna – Kunsillier
Roderick Vella – Kunsillier

**ASSENTI  b'APOLOĠIJI**

Anna Calleja – Kunsilliera

**UFFIĊJAL  PREŻENTI:**

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**480.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

480.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sinjura Anna Calleja fejn talbet li tiġi skużata milli tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sinjura Anna Calleja tkun skużata.

480.1.1 Is-Sindku qal illi s-Sur Julian Paul Scicluna u s-Sur Roderick Vella kienu ġew *co-opted* fil-Kunsill biex jimlew il-post vakanti tas-Sur Domenic Agius u tas-Sur Joseph Agius (Is-Sway).

**480.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

480.2.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fil-paragrafu 479.4.2 u minflok il-kliem 'Triq ix-Xgħajra*'* jidħol il-kliem 'Triq tal-Labour'.

480.2.2 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fil-paragrafu 479.3.9 u minflok il-kliem 'jiswa madwar €2000 għalhekk mhux għaqli li jsir' jidħol il-kliem 'jiswa madwar €6,000 u għalhekk mhux għaqli li jsir'. Is-Sindku semma l-bżonn li jinstab post fil-bandli sabiex issir *gazebo.*'

480.2.3 Il-minuti tal-479 laqgħa ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

**480.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

480.3.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jiddiskuti *item* 480.4 - Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

**480.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

480.4.1 Is-Sur Joseph Bonnici staqsa għaliex ma kienx ser isir il-bank *tailormade* fil-bandli. Is-Sindku qal illi l-prezz tal-bank kien għoli wisq.

480.4.2 Is-Sur Joseph Bonnici qal illi ma kienx attenda l-laqgħa preċedenti minħabba raġunijiet ta' safar.

480.4.3 Is-Sur Joseph Vella talab biex il-Kunsill jikteb lil Transport Malta sabiex jinżabru s-siġar ta' Triq il-Mina ta' Hompesch minħabba l-arbli tal-festa.

480.4.4 Is-Sur Joseph Agius informa lill-Kunsill illi fit-18 t' Awwissu kien ser jorganizza ħarġa għall-persuni b'diżabilità. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li

ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jipprovdi t-trasport.

480.4.5 Is-Sur Joseph Agius irrefera għaċ-ċirkolari AKL 42/2017 – Kollaborazzjoni mal-kummisjoni kontra l-vjolenza domestika f'sensiela ta' attivitajiet. Is-Sur Agius issuġerixxa sabiex il-Kunsill jipparteċipa f'dawn l-attivitajiet.

480.4.6 Is-Sur Joseph Agius irrefera għall-attivita` *Let's Do It Malta 2017* li ser tiġi organizzata fis-16 ta' Settembru u ssuġġerixxa sabiex il-Kunsill jipparteċipa f'din l-attività.

480.4.7 Is-Sur Joseph Agius irrefera għall-korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, Konsultazzjoni : Dokument Proposti Swieq fil-Beraħ – Dokument Proposti *Tables & Chairs*. Is-Sur Agius staqsa jekk il-Kunsill kienx ser iressaq proposti ġodda. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

480.4.8 Is-Sur Joseph Agius tkellem dwar il-*BBQ* li ser jiġi organizzat mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u staqsa dwar il-possibiltà li din l-attività soċjali tiġi mħallsa mill-fondi tal-Kunsill. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

480.4.9 Is-Sur Joseph Agius semma l-ħtieġa li jsir *patching* fi Triq Spadaro, fi Sqaq Nofsinhar u fi Triq Strickland minħabba li hemm diversi ħofor.

480.4.10 Is-Sur Joseph Agius qal illi s-sistema l-ġdida ta' *traffic management* ta' Triq Felice u l-madwar kienet indrat.

480.4.11 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk l-arbli f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi kienux ser ikunu lesti sal-festa ta' Ħaż-Żabbar. Is-Sindku qal illi kien ser jiċċekkja dwar dan.

480.4.12 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi kien hemm numru ta' bozoz mitfija fi Triq is-Santwarju u f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi li jridu jiġu rranġati.

480.4.13 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi fi Triq Wied il-Għajn, minn Triq iċ-Ċimiterju 'l isfel u fi Triq Dun Ġorġ Preca kien hemm ħafna ħaxix ħażin fuq il-bankina. Is-Sur Buttigieg talab biex jintbgħat ukoll kennies sabiex jiknes dawn it-toroq.

480.4.14 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi fi Triq Wied il-Għajn kien hemm parti mill-ħajt tas-sejjiegħ mwaqqa'. Is-Sur Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill jistax japplika għall-fondi Ewropej : Miżura 4.4 Investiment mhux produttivi marbuta mal-ilħuq tal-objettivi agroambjentali u klimatiċi. Is-Sur Joseph Vella qal illi dik l-applikazzjoni kienet għalqet.

480.4.15 Is-Sur Joseph Buttigieg irrefera għall-korrispondenza mibgħuta mis-Sur Warren Zammit u staqsa jekk il-Kunsill kienx ser jorganizza l-attività flimkien mal-*Foundation for Educational Services*. Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet

issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza din l-attività flimkien ma’ Skola Sajf.

480.4.16 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi fl-14 ta’ Settembru 2017 kien ser jorganizza ħarġa għall-anzjani.

480.4.17 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi kien inqata’ il-ħaxix u l-qasab minn Misraħ San Nikola iżda baqa’ ma nġabarx. Is-Sindku qal illi l-ħaxix u l-qasab kien ser jinġabar fil-ġranet li ġejjin.

480.4.18 Is-Sur John J Pace talab li jiġi rranġat sprall fi Sqaq Sidtna tal-Mirakli.

480.4.19 Is-Sindku qal illi x-xogħol ta’ *resurfacing* ta’ Triq Hompesch kien ser jinbeda fil-ġimgħat li ġejjin. Is-Sindku qal ukoll illi kienet saret laqgħa flimkien ma’ Transport Malta sabiex tiġi diskussa l-problema ta’ *traffic management* meta jkun għaddej ix-xogħol ta’ *resurfacing* fi Triq Hompesch. Is-Sindku qal illi waqt il-laqgħa ma’ Transport Malta ġiet diskussa l-possibiltà li t-trasport pubbliku minn Ħaż-Żabbar għal Wied il-Għajn kif ukoll għax-Xgħajra jiġi offrut permezz ta’ *shuttle*. Il-ħlas għal dan is-*shuttle* ser jammonta għal madwar €5,000.

480.4.20 Is-Sindku qal illi waqt laqgħa li kellu ġiet diskussa l-possibiltà li jiġu nstallati numru ta’ *floodlights* f’Misraħ San Ġakbu sabiex jitnaqqas l-abbuż ta’ droga.

480.4.21 Is-Sindku qal illi s-Sur Robert Buhagiar ma kienx għadu sekondat mal-Kunsill u kien mar il-Ministeru għall-Enerġija u l-Immaniġjar tal-Ilma. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob is-servizz tas-Sur Buhagiar bħala *Project Manager* mal-Kunsill bi ħlas.

480.4.22 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi fil-jiem li ġejjin kienet ser issir r-*road hump* fi Triq Alessio Erardi.

480.4.23 Is-Sur Brian Spiteri daħal għal-laqgħa fis-6.30 ta’ filgħaxija.

480.4.24 Is-Sindku qal illi kienu għaddejin diskussjonijiet flimkien ma’ Transport Malta sabiex issir *junction* fi Triq ix-Xgħajra fil-viċinanzi ta’ *Lantas Pet Shop*.

480.4.25 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jitwaħħlu *spikes* għall-prezz ta’ €1,164 sabiex il-ħamiem ma joqgħodx f’Misraħ tal-Madonna Medjatriċi.

480.4.26 Is-Sur Joseph Vella talab sabiex il-Kunsill jindaga jekk it-tabelli li twaħħlu fi Triq il-Qaqoċċ sabiex jiġu devjati l-karozzi kienux twaħħlu bil-permess ta’ Transport Malta. Is-Sur Vella qal illi dawn it-tabelli kienu twaħħlu minn kuntrattur li kien qed jaħdem f’sit ta’ kostruzzjoni u li din id-devjazzjoni kienet ħolqot inkonvenjent għas-sewwieqa.

480.4.27 Is-Sur Joseph Agius qal illi kien qed ikun hemm kuntratturi li qed jagħlqu t-toroq mingħajr il-permess tal-Kunsill u mingħajr il-preżenza tal-gwardjan lokali.

480.4.28 Inqraw ittra u rapport li l-Kunsill irċieva mingħand is-Sinjura Diana Tonna dwar inċident li allegatament kellha fi Triq ix-Xgħajra, Ħaż-Żabbar fejn talbet kumpens ta' €135.40 mingħand il-Kunsill għall-ħsara li għamlet fil-vettura tagħha. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta.

480.4.29 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi s-Sur Frank Farrugia kien qed jitlob kumpens ta' €3,350 minħabba ħsara li allegatament kellu fis-sistema tad-drenaġġ ikkawżat mis-siġar. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal illi kien kiteb lid-Dipartiment tal-*Housing* peress illi dawn is-siġar kienu fiż-żona tal-*Housing Estate.* Fuq proposta tas-Sur Roderick Vella li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà qabel ma jintalab parir legali.

480.4.30 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal illi kien talab lill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq sabiex jinbidel l-isem ta' Triq Bormla, il-parti li tagħti maż-Żejtun u ġie nfurmat illi l-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq kien ser jiddiskuti din it-talba fil-laqgħa li jmiss.

480.4.31 Is-Sur Joseph Vella qal illi kien hemm numru ta' toroq ġodda li m'humiex qed jidhru fil-*GPS mapping database* fosthom Triq Patri Matteo Sultana, Triq Agatha Barbara u Triq A Caligari. Is-Sur Vella qal illi din il-problema kienet qed tinħoloq meta tkun għadha ma saritx esproprjazzjoni tal-art u jkun hemm żewġ toroq bl-istess isem.

480.4.32 Is-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa fis-6.50 ta' filgħaxija.

### 480.5 Il-Festa f'Ħaż-Żabbar

480.5.1 Dwar ir-riċeviment tal-festa li ser isir nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Settembru, 2017 fis-7.30 ta' filgħaxija fiċ-Ċentru Ċiviku, il-Kunsill fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, qabel unanimament li l-ikel għal dan ir-riċeviment jiġi ordnat mingħand Big Bun Caterers.

*480.5.2* Is-Sindku informa lill-Kunsill illi matul iż-żmien tal-festa kien ser ikun hemm delegazzjoni Ġermaniża. Is-Sindku qal ukoll illi matul il-festa kien ser ikun hemm ukoll grupp ta' żgħażagħ mill-Comune di Cesena sabiex jitkompla l-Proġett *My Europe Our Future* f'Malta.

480.5.3 Is-Sindku tkellem dwar il-permessi għal tqegħid ta' posti u kjosks fil-jiem tal-festa. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien ser jispostja l-posta li tarma bit-*toys* fi

Triq is-Santwarju sabiex ma jkunx hemm ingombru u inkonvenjent matul il-marċ tal-festa.

480.5.4 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li ma jinħarġux permessi mill-Kunsill għal bejgħ ta' ikel jew xorb alkoħoliku minn xi garaxx jew minn xi residenza.

480.5.5 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li qabel jinħareġ permess għall-posta għall-bejgħ ta' xorb alkoħoliku tintalab il-liċenza tal-Kummerċ lill-applikant.

480.5.6 Is-Sur Roderick Vella staqsa jekk hemmx xi regolament li jistabbilixxi d-daqs tal-posta. Is-Sur Roderick Vella qal ukoll illi matul il-festa tas-sena li għaddiet kien hemm min uża l-*bus shelter* bħala *store* għall-birra. Is-Sindku qal illi d-daqs tal-posta jinħareġ mill-Kunsill.

480.5.7 Is-Sur Brian Spiteri talab biex il-Kunsill jgħaddi l-informazzjoni kollha relatata mal-ħruġ ta' permessi tal-festa lill-Pulizija biex jiġi assigurat li jkun hemm infurzar lokali matul il-festa.

480.5.8 Is-Sindku qal illi kien ġie avviċinat mill-artist is-Sur Simon Pulo sabiex jesebixxi wirja ta' pittura fis-Sala tal-Kunsill matul il-ġranet tal-festa.

**480.6 Sejħa ta' kwotazzjoni**

- Kwotazzjoni għall-akkomodazzjoni taż-żgħażagħ għall-proġett *My Europe Our Future* (ZLCQT 001/2017)

480.6.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa ġdida b'urġenza għall-kwotazzjoni għall-akkomodazzjoni taż-żgħażagħ għall-proġett *My Europe Our Future* li ser isir matul il-ġranet tal-festa. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel ukoll li din il-kwotazzjoni għandha tkun miftuħa għal perjodu ta' sitt ijiem.

**480.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

480.7.1 Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn il-11 ta' Lulju 2017 u s-7 t' Awwissu 2017 li kienet tammonta għal €62,280.01.

480.7.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Ġunju 2017 li kien jammonta għal €60.56.

**480.8 Mozzjonijiet**

480.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**480.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

480.9.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.10 ta' filgħaxija. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 21 ta' Awwissu, 2017.

IFFIRMATA

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-481 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 21 ta' Awwissu, 2017.

IFFIRMATA

Marc Vella Bonnici
Sindku